## 26 ta' Ġunju, 1987

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Bonello għan-nom u in rappresentenza tal-kumpanija *MCL Components Limited*

*versus*

Emanuel Ellul għan-nom u in rappresentenza tal-kumpanija *Modern Plastics Containers Limited*

**Digrieti – Digriet Definittiv – Interlokutorju – Digrieti la huma Definittivi lanqas Interlokutorji – Mandat ta' Inibizzjoni – Proċedura biex Tintalab Revoka ta' Mandat ta' Inibizzjoni**

*Intalbet ir-revoka ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Il-proċedura addottata kienet Rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell.*

*Fuq l-iskorta ta' Ġurisprudenza kostanti, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet*

*illi l-proċedura biex tintalab revoka ta' Mandat ta' Inibizzjoni kienet b'Ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet u mhux b'ċitazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors fil-Qorti tal-Kummerċ li permezz tiegħu r-rikorrent Joseph Bonello *nomine* ppremetta li d-ditta minnu rappreżentata hi proprjetarja ta' diversi disinji ta' barmil tal-*plastic* bl-għatu li jingħalaq u *handle* u dana skond id-disposizzjonijiet ta' l-*Industrial Property (Protectiion) Ordinance;* li skond l-artikolu 67 ta' l-istess liġi, il-propretjarju ta disinn irreġistrat għandu d-dritt għall-użu esklusiv ta' l-istess dissinn; illi reċentement l-intimat *nomine* beda jimmanifattura u jispaċċa f'Malta bramel tal-*plastic* ta' l-istess disinn kif irreġistrat mir-rikorrent *nomine* u dana bi ksur tad-disinn irreġistrat f'isem is-soċjetà rikorrenti; li r-rikorrent *nomine* bi protest ta' l-14 ta' Ottubru, 1986 interpella lill-intimat formalment sabiex jieqaf milli jipproduċi bramel bid-disinn li s-soċjetà rikorrenti hija proprjetarja tiegħu skond l-*Industrial Property (Protection) Ordinance;* li l-intimat *nomine* fil-kontro-protest tiegħu ammetta hu stess li qed jimmanifattura bramel identiċi għal dawk immanifatturati mir-rikorrenti *nomine* però pprova jiskuża l-aġir illegali tiegħu billi qal li hemm xi differenzi fil-*handle* u fl-għeluq u barra minn dan l-istess intimat *nomine* semma wkoll li l-produzzjoni tar-rikorrenti *nomine* kienet intiża għall-esprotazzjoni; li r-rikorrenti xtaq jagħmilha ċara li l-bramel minnu manifatturati huma intiżi kemm għas-suq lokali kif ukoll għall-esportazzjoni; fil-fatt il-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn prodotti għas-suq lokali jew għal dawk għall-esportazzjoni; li r-rikorrenti *nomine* jixtieq jirrileva wkoll li xi differenżi żgħar fil-*handle* u fl-għeluq mhux materjali f'dan il-każ, għaliex hu

għandu interess leġittimu li jipproteġi d-disinn tal-barmil, liema disinn qed jiġi użat illegalment mill-intimat *nomine,* li dan l-aġir ta' l-intimat *nomine* barra milli jmur kontra l-provvedimenti tal-liġi tal-proprjetà industrijali, qed jikkawża wkoll danni kbar lir-rikorrent *'nomine'*, talab il- ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat *'nomine'* sabiex dan jiġi inibit milli jkompli jipproduċi u jispaċċja bramel li tagħhom ir-rikorrent *'nomine'* għandu disinji rreġistrati mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat *'nomine'* li ssottometta li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati billi l-bramel immanifatturati mid-ditta tiegħu huma ta' disinn differenti minn dawk immanifatturati mid-ditta tar-rikorrenti barmil jibqa' dejjem barmil, però differenzi immarkati fl-*'ispecifications'* u *'design'* jiddistingwu wieħed minn ieħor, bħal fil-każ in eżami; illi fi kwalunkwe każ, il-bramel tiegħu huma intiżi għas-swieq ta' barra u għalhekk il-produzzjoni tagħhom ma tista' tikkreja ebda dannu fis-suq kopert mir-reġistrazzjoni; għalhekk it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandha tiġi miċħuda;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 1986, li permezz tiegħu dik l-imsemmija Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent *noe* għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat *noe* biex dan jiġi inibit milli jkompli jipproduċi u jispaċċja l-bramel li tagħhom ir-rikorrent għandu disinji rreġistrati mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali; bl-ispejjeż, u dan wara li kkunsidrat:

Illi fir-risposta tiegħu, l-intimat *noe* qiegħed jeċċepixxi żewġ affarijiet waħda – li l-bramel manifatturati mid-ditta konvenuta

huma ta' disinn differenti minn dawk tar-rikorrenti fit-tieni lok il-bramel *ta' l-esponenti* huma intiżi għas-swieq ta' barra u għalhekk il-produzzjoni tagħhom ma tista' tikkreja ebda dannu fis-suq kopert mill-istess reġistrazzjoni;

Illi l-attur esebixxa Dok. A, B u Ċ li huma tliet (3) ċertifikati maħruġin mid-Dipartiment tat-*Trade* fl-24 ta' Ġunju, 1985. Dawn ikopru d-*designs* 364, 365 u 366 li ġew irreġistrati f'isem *MCL Components Ltd.*, ta' *B37 Industrial Estate,* Bulebel, iż-Żejtun u dan, b'*effett mill-24 ta'* April, 1985. Din ir-reġistrazzjoni ġiet ippubblikata fil-*Malta Government Gazette* 144134 fl-4 ta' Ġunju, 1985, u 7 ta' Ġunju, 1985;

Illi l-istess rikorrenti esebixxa wkoll żewġt ibramel, wieħed prodott mis-soċjetà attriċi u l-ieħor mis-soċjetà konvenuta li fil-fehma tal-Qorti, u, minn eżami ta' l-istess jidhru ta' l-istess għamla u ta' l-istess qies, b'varjazzjonijiet minimi;

Illi mix-xhieda prodotti mir-rikorrenti *nomine* jirriżulta illi l-*MCL Components Ltd.* li kienet applikat għar-reġistrazzjoni u ottenietha tal-barmil minnhom prodott u li kienet qiegħda timmanifattura l-istess fis-suq lokali. Xi żmien ilu, klijent tagħha kien infurmah li l-intimat *nomine* kien avviċinah biex ibigħlu barmil prodott minnu li jixbah eżattament lil dak prodott minnha u dana bi prezz orħos;

Illi l-kwistjoni kollha tirrisolvi ruħha fuq, waħda – jekk il-barmil in kwistjoni, prodott tar-rikorrenti, ġiex effettivament irreġistrat għall-finijiet tal-Kap. 48 tal-liġijiet ta' Malta jew le, u dana qabel ma l-intimat *nomine* beda jipproduċi l-istess tip ta' barmil u jekk il-barmil *de quo* prodott mill-partijiet humiex l-istess jew jixbhu lil xulxinn li jistgħu jitfixklu;

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn iż-żewġ fatti rriżultaw sodisfaċentement ippruvati mir-rikorrenti. Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-intimat Emanuel Ellul *'nomine'* li appella minn dak id-digriet u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-istess digriet, u dan prevja r-revoka tad-digriet ta' l-istess jum dwar it-talba tiegħu għas-soprasessjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat *'nomine'*;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Joseph Bonello *'nomine'* li ssottometta preliminarjament li l-proċedura użata mill-appellant hija irritwali u għalhekk nulla, u mingħajr preġudizzju, li l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni *'de quo'* huwa skond il-liġi, u għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud, mhux biss għaliex huwa irritu u null, imma anke għaliex il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni sar skond il-liġi; bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-Difensuri *tal-partijiet;*

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell permezz ta' rikors lil din il-Qorti minn digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li permezz tiegħu dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-appellat Joseph Bonello *'nomine'* għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-appellant Emanuel

Ellul *'nomine'*;

Fir-risposta tiegħu ta' l-appell l-appellat Bonello *nomine* jibda biex jissottometti preliminarjament illi l-proċedura adottata mill-appellant hija irritwali u nulla għaliex "*trattandosi* ta' mandat ta' inibizzjoni l-proċedura għar-revoka ta' dan il-mandat hija dik taċ-ċitazzjoni, u dan skond il-ġurisprudenza lokali kostanti";

F'dan ir-rigward, fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Awissu, 1953, *in re:* "Baldacchino *vs* Bellizzi" (Vol. XXXVII.I.519), din il-Qorti rrilevat li hemm tliet xorta ta' digriet, ċjoè, dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definittivi u l-anqas interlokutorji, u fil-waqt li għall-ewwel u t-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għat-tielet kategorija ta' digrieti m'hemmx appell dirett quddiem din il-Qorti;

Iżżid tgħid dik iċ-ċitata sentenza li digriet tal-Qorti tal-Kummerċ li jilqa' talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (i.,e. bħal ma huwa proprju l-każ in eżami) la huwa definittiv (għax ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet, u l-anqas jorbot lill-ġudikant) u l-anqas ma huwa interlokutorju. Tali digriet "l-anqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju, iżda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux mill-atti tal-kawża, u jeżawrixxi ruħu bil-ħruġ tal-mandat";

Għalhekk, ikkonkludiet il-Qorti, dak id-digriet "huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li tatu, fuq talba b'ċitazzjoni ta' l-interessat, meta fil-ġudizzju diskrezzjonali tagħha l-Qorti tara raġuni tajba li tiġġustifika r-revoka". Naturalment, dejjem jibqa' dritt ta' appell minn kull eventwali deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel

grad li tkun laqgħet jew ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat;

Dan l-insenjament tal-Qorti ġie segwit f'deċiżjonijiet sussegwenti ta' din il-Qorti, fosthom dik tal-5 ta' Awissu, 1954, fl-ismijiet: "Galea *vs* Bezzina" (Vol. XXXVIII.1.336 u dik tat-18 ta' Frar, 1963, *in re:* "Anthony Sammut *vs* Paolo Sammut *et* (Vol. XLVII.I.110), fejn ġie ritenut illi: "il-fatt li.....d-digriet ġie mogħti mhux kameralment, iżda fl-udjenza pubblika, ma jbiddilx in-natura tad-digriet, għax b'daqshekk la sar definittiv u l-anqas interlokutorju";

Din il-Qorti taqbel pjenament mal-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza ċċitata, u li, kif anke jingħad fl-aħħar deċiżjoni hawn imsemmija, huma kkonfortati mill-prattika kostanti u sekolari fil-Qrati tagħna;

Konsegwentement, *in vista* ta' dak kollu li ġie premess, din il-qorti ma tistax tidħol fil-mertu ta' l-appell li għandu bħala skop tiegħu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni maħruġ mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, u għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellat *'nomine'* u kwindi tiddikjara irritu u null l-appell interpost mill-intimat Emanuel Ellul *'nomine'*, bl-ispejjeż kontra tiegħu – salv lill-appellant kull xorta ta' rimedju ieħor, jekk u skond il-liġi.